

**Emenda 12****Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&amp;D

**Rapport****A7-0243/2010****Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda****Premessa 7 a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*(7a) Biex jiġu adottati d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti bi qbil mal-Artikolu 290 tat-trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' kwota tarriffarja għall-prodotti tal-"laħam taċ-ċanga għat-trabi", emendi u aġġustamenti tekniċi meħtieġa wara li jsiru emendi għall-kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda u s-suddiviżjonijiet tat-TARIC u aġġustamenti meħtieġa wara l-konklużjoni ta' ftehimiet oħrajn bejn l-Unjoni u l-pajjiżi u t-territorji msemmija f'dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa fil-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

Or. en

**Emenda 13****Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&amp;D

**Rapport****A7-0243/2010****Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda****Premessa 7 b (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

*(7b) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati tal-awtentiċità li jagħtu prova li l-prodotti joriġinaw mill-pajjiż jew mit-territorju kkonċernat u jikkorrispondu għad-definizzjoni f'dan ir-Regolament, u għas-sospensjoni temporanja, kollha kemm hi jew parzjali, tal-arranġamenti previsti f'dan ir-Regolament, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jingħataw lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 182/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni<sup>1</sup>. Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' awtentiċità li jagħtu prova li l-prodotti joriġinaw fil-pajjiż jew fit-territorju kkonċernat u jikkorrispondu għad-definizzjoni f'dan ir-Regolament meta jitqiesu l-effetti ta' dawk il-miżuri; u għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni għat-teħid ta' miżuri*

*biex jiġu sospiżi, kollha kemm huma jew  
parzjalment, l-arranġamenti previsti f'dan  
ir-Regolament għal perjodu ta' tliet xhur.*

---

<sup>1</sup> *ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*

Or. en

9.5.2011

A7-0243/14

**Emenda 14**

**Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A7-0243/2010**

**Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 2 a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1215/2009

Artikolu 2 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) Fl-Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:*

*Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-paragrafi 1 jew 2, il-Kummissjoni tista' tissospendi l-benefiċċji ta' dan ir-Regolament għall-pajjiż, għalkollox jew parzjalment, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 8(3)."*

Or. en

**Emenda 15****Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&amp;D

**Rapport****A7-0243/2010****Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda****Artikolu 1 – punt 3**

Regolament (KE) Nru 1215/2009

Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

Kwalunkwe talba għal importazzjonijiet li tkun fil-limiti ta' din il-kwota għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat ta' awtentiċità maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż esportatur u li jagħti prova li l-prodotti joriġinaw fit-territorju kkonċernat u jikkorrispondu għad-definizzjoni fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ mill-Kummissjoni skont il-proċedura msemmija ***fl-Artikolu 195(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 li jstabilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS).***

Kwalunkwe talba għal importazzjonijiet li tkun fil-limiti ta' din il-kwota għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat ta' awtentiċità maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż esportatur u li jagħti prova li l-prodotti joriġinaw fit-territorju kkonċernat u jikkorrispondu għad-definizzjoni fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Dan iċ-ċertifikat għandu jinħareġ mill-Kummissjoni ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 8(2).***

Or. en

9.5.2011

A7-0243/16

**Emenda 16**

**Vital Moreira, Véronique De Keyser, Kader Arif**

f' isem il-Grupp S&D

**Rapport**

**A7-0243/2010**

**Vital Moreira**

Miżuri kummerċjali ta' eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea  
COM(2010)0054 – C7-0042/2010 – 2010/0036(COD)

**Proposta għal regolament – att li jemenda**

**Artikolu 1 – punt 4 a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 1215/2009

Artikolu 3 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4 għandu jinfideli b'dan li ġej:*

*"4. Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dan ir-Regolament, u b'mod partikolari l-Artikolu 10, fid-dawl tas-sensittività partikolari tas-swieq agrikoli u tas-sajd, meta l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli u tas-sajd jikkawżaw tfixkil serju lis-swieq tal-Unjoni u lill-mekkaniżmi regolatorji tagħhom, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri xierqa permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati bi qbil mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 8(3)."*

Or. en